MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Numru. 506/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
MAROUSKA BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Marouska Borg mart Ludwig u bint Joseph Pace u Josephine Mary xebba Debono imwielda Pieta fis-27 ta' April 197 u toqghod 221, Triq San Gejtanu, Hamrun talli fl-10 ta' Marzu 2002 ghal habta tal-10.00hrs fil-Bugibba Holiday Complex fi Triq it-Turisti, Bugibba ikkommettiet serq semplici fl-ammont ta' Lm6.49c liema serq huwa aggravat bil-persuna.

Semghet ix-xhieda bil-gurament .

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija kellha rapport minn Massimiliano Gatt, Manager fil-Bugibba Holiday Complex, li kienu qabbdu lill-impjegata taghhom Marouska Borg b'xi flus li allegatament insterqu minn kamra numru 6616 (ara xhieda fol 9 et seq).

Minn aktar investigazzjonijiet gie stabbilit illi l-istranier Walter Bidwin kien sab Lm26 neqsin mill-glekk tieghu mill-kamra 6616 sakemm nizel ghal breakfast.

Jirrizulta illi c-chambermaid koncernata kienet l-imputata u fuqha saret tfittxija u instabet borza b'Lm6.59 fiha.

Illi ghalhekk l-imputata giet arrestata u rrilaxxat stqarrija dok JM4 li fiha qalet illi r-residenti ta kamra numru 6616 kienu hergin mill-kamra meta dahlet hija, u li hija ma messet xejn mill-kamra izda meta lestiet rat l-flus mal-art hdejn il-lift. Gabrithom, ghamlithom fil-but tal-overall biex meta tlesti tghaddihom l-isecurity fil-break. Gara pero gie E Tonna Security fuqha, qalla biex tiftah il-pocket tal-overall u sab il-borza bil-flus. L-imputata qalet li ddispjaciha li ma ghaddietx il-flus lis-security mal-ewwel.

Maximilian Gatt (fol 17) u Edmond Tonna (fol 27) kkonfermaw ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u ziedu jghidu illi l-impjegati taghhom jafu bil-policy tal-Hotel li meta jsibu xi haga ghandhom immedjatament jghaddu kollox lis-security.

Tonna zied jghid pero illi meta kellem lill-imputata u staqsieha jekk ratx xi flus, hija kienet rrispondietu fin-negattiv.

Sussegwentement talabha tbattal il-bwiet, harget il-borza tal-plastic bil-flus.

Illi sussegwentement l-imputata bidlet il-versjoni taghha u qalet li sabithom fil-kuritur, imbaghad fejn room 6626.

WPC181 Josephine Brincat kkonfermat l-istqarrija tal-imputata dok JM4.

Min-naha l-ohra l-imputata xhedet illi waqt li kienet qed taghmel ix-xoghol taghha sabet borza b’xi flus Maltin fiha. Illi peress illi kien il-Hadd u meta l-impjegati jlestu huma jkunu jistghu jmorru d-dar, hija ddecidiet li ma tinzilx mill-ewwel u tghaddi l-borza lis-security kif suppost u li taghmel dan wara li tlesti.

Xehdet illi hija ma fethitx il-borza u hallietu kif kien. Xhedet li f’hin minnhom gie tas-security u  kull ma qallha kien li tbattal l-apron u pprovat tispjegalu x’gara izda s-security ta’ ordni biex thalli l-kamra u li kellha tghid, tghidu lill-pulizija. Hija infexxiet tibki u ftit wara gew il-pulizija.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputata giet akkuzata b’serq semplici kontemplat fil-Kodici Kriminali fl-Art 284 u 285:
“Theft when not accompanied with any aggravating circumtances specified in section 261, is simple theft. Whosoever, shall be guilty of simple theft shall be liable to inprisonment for a term from one to six months;
Provided that of the value of the thing stolen does not exceed Lm10 the offender shall on conviction be liable to inprisonment for a term not esceeding three months”

Issa l-imputata giet akkuza b’serq semplici f’ammont ta’ Lm6.49 lieam serq huwa aggaavat bil-persuna.”

Din l-akkuza ma treggix a semplici raguni li jista jkollok akkuza ta’ serq semplici jew akkuza ta’ serq aggravat. Illi kif impostata, l-akkuza hija wahda u mhux tnejn, wahda sussidjarja ghall-ohra.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti mghandhiex alternattiva ghajr illi tiehu l-akkuza li hija l-aktar favorevoli ghall-imputata u cioe l-akkuza ta' serq semplici.

Illi fil-kaz odjern, din il-Qorti ma ssibx kredibbli jew verosimili l-versjonijiet tal-imputata u temmen li hija hadet l-opportunita li tiehu dik il-borza il-ghaliex ma sabitiex strettament fil-kmamar li kienet tahdem fihom izda sabitha fil-kuritur u t-tentazzjoni ghelbitha.

Altrimenti kif rat lis-security hija kienet bl-aktar mod naturali tghidlu hi stess bis-sejba tal-borza; u mhux thalli li staqsieha hu ghall-flus.

Illi din il-Qorti rat illi l-imputata ghandha fedina penali netta, li ghandha tlett itfal biex tikkura, u l-entita ta' valur misruq u ghaldaqstant wara li rat Art 284, 285 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberaha minghajr kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------